**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 11 ta' Frar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 245/2024 JPG**

**Kawza nru.: 26**

**PZ**

**vs**

**RZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' PZ datat 14 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi il-partijiet izzewwgu fit-tletin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (30.06.1981) gewwa l-Belt Valletta, u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1206/1981 hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. PZ1****;*
>
> *Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tlett t'itfal illum il-gurnata lkoll maggiorenni.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn erba' u ghoxrin (24) sena;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment hekk kif iddikjara huwa stess fl-Affidavit hawn anness u immarkat bhala* **Dok. PZ2,** *fejn l-esponenti jenfasizza illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda assi bejniethom;*

*Illi minkejja ma' hemmx kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet huma ilhom jghixu de facto separatament ghal dawn l-erbgha u ghoxrin sena u dan kif indikat fl-Affidavit hawn anness;*

*Illi di fatti r-rikorrenti umilment jirrileva u jigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-Artikolu* ***66A (1)*** *tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:*

*"Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont ki finhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu.* ***Ma jkunx meħtieġ illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza****"*

*Illi l-esponenti umilment jirrileva wkoll illi l-kuntratt ta' separazzjoni ma huwiex wiehed mir-rekwiziti indikati fl-Artikolu* ***66B****, fejn il-ligi tidentifika dawn ir-rekwiziti ghal ksib tad-Divorzju;*

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:* ***(a)*** *fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti: Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti;* ***jew (b)***

*fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti;* ***u*** *.... "*

*fejn il-ligi sussegwentement tkompli telenka ir-rekwizita l-ohrajn.*

*Illi ghaldaqstant dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe c-cirkostanzi jaqghu fil-parametri tas-subartikolu (a);*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RZ datata 24 ta' Gunju 2024 (Vide Fol 9) li taqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u tiddikjara li hija f'dan l-istadju qed topponi ghat-talba tar-rikorrent ghal hall taz-zwieg u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi jigi rilevat li ghalkemm huwa minnu li l-partijiet ilhom separati de facto ghal erba u ghoxrin sena pero sal-lum il-partijiet ghadhom mizzewwgin stante li kif intqal ebda kuntratt ta' separazzjoni ma gie iffirmat;*
2. *Illi miz-zwieg taghhom l-partijiet kellhom tlett titfal u cioe YZ, PZ u SZ mentri l-esponenti kellha wild iehor MZ li mhuwiex wild bijologiku tal-intimat;*
3. *Illi l-esponenti minhabba it-trapass taz-zmien, ma tafx jekk l-intimat ghandux djun jew assi u ghalhekk huwa importanti li l-partijiet jirregolarizzaw l-atti tal-hajja Civili taghhom;*
4. *Illi minkejja li l-esponenti kemm il-darba ippruvat tasal f'arrangjament bonarju, l-intimat ma kienx jitla l-Qorti u s-separazzjoni qatt ma giet iffinalizzata;*

5. *Illi huwa importanti anke ai fini ta' manteniment u pensjoni tal-esponenti li ikun hemm pronunzjament dwar s-separazjzoni personali tal-partijiet;*
6. *Illi l-esponenti hija mara ta' hamsa u sittin sena u ghalhekk l-aspett finanzjaru ghaliha huwa importanti anke peress li bid-divorzju hija tista tilef drittijiet li bil-Ligi ghandha dritt ghalihom;*
7. *Illi ghalhekk hija qed tikkawtela l-posizzjoni taghha u toggezzjona ghal istess divorzju pendenti u sakemm l-partijiet jirregolarizzaw u jiffinalizzaw is-separazzjoni personali taghhom;*
8. *Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jirregolarizza l-posizzjoni legali ma martu dwar s-separazzjoni qabel ma jipprosegwi bid-divorzju ;*
9. *Illi finalment u per konsegwenza l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna li ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju, a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-risposta ulterjuri ta' RZ datata 7 ta' Jannar 2025 (Vide Fol 23) li taqra hekk:

***ILLI hija tikkonferma li l-partijiet irregolarizzaw s-separazzjoni personali taghhom legalment tramite kuntratt ta' separazzjoni personali li gie intavolat fl-atti;***

***ILLI ghalhekk u in vista tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti tiddikjara li ma ghandha ebda oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg stante li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u li ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;***

***Ghaldaqstant l-esponenti ma topponiex ghat-talba tal-hall taz-zwieg pero tissottometti li l-ispejjez kollha tal-procedura ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.***

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**PZ xehed (vide affidavit fol 5)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1981 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni. **Iddikjara illi huma, fl-mori tal-kawza, sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 29 t'Ottubru 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni**; xehed in oltre li l-kontendenti ilhom jghixu separati de facto ghal aktar minn erbgha u ghoxrin sena. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**RZ xehdet (vide Fol 26)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1981 liema zwieg jgib certifikat numru 1206/1981 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, illum maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Fiona Zammit Armeni datat 29 t'Ottubru 2024 (Vide fol 14 et seqq.). Jirrizulta in oltre illi l-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn erbgha u ghoxrin sena. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1206/1981 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**